# IL-BIBBJA U L-LETTERATURA MALTIJA*

*Ta'* Dun Karm Sant

FTIT xhur oħra u jkollna f'idejna l-Bibbja kollha kemm hi maqluba fil-Malti mill-pinna għaqlija u mirquma tal-Prof. Saydon. Din mhix l-ewwel traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti; iżda nistgħu ngħidu bla biża' li l-ebda waħda minnhom ma għandha x'taqsam magħha sew għal dak li hu stil malti sew għal dak li hu xogħol xjentifiku bibliku. Qlib mil-Lhudi għandna biss is-Salmi ippubblikati fl-1854 fil-"Book of Common Prayer" bil-Malti, dawn kienu irriveduti u stampati minn Taylor fl-'Uffiċċju tal-Gimgħa l-Kbira"; fl-1917 saret reviżjoni ta' 40 Salm stampata fil-"Habib". Fl-1924 Mons. Cortis ippubblika traduzzjoni tal-"Ktieb ta' Rut". Muscat Azzopardi tana l-"Vanġeli" u l'"l-Atti" mill-Vulgata Latina; Dun Pietru Pawl Grima l-"Ittri" ta' San Pawl; is-Sur Fons, xi kotba tat-Testment il-Qadim u dan l-aħħar Patri Paris l-erba' Vanġeli. Kif taraw l-ebda wieħed minn dawn it-traduzzjonijiet ħlief tas-Salmi u ta' Rut ma kienu maħduma fuq l-ilsna oriġinali u l-ebda wieħed minn dawn it-tradutturi ma kien speċjalista ta' l-istudji bibliċi għalkemm dawn l-istudji ma kinux immexxija 'l quddiem bħalma huma issa. Għalhekk għidtilkom li t-traduzzjoni tal-Prof. Saydon tħares minn liema naħa tħares tisboq fil-wisa' lil ta' qabilha kollha; hi traduzzjoni fidila għat-test oriġinali u miktuba fi proża Maltija mill-aqwa.

Issa nistaqsi x'jista' jkun sehemna fit-trawwim tal-Kitba Maltija? Nafu mill-istorja ta' letteraturi oħra li l-Bibbja kellha sehem kbir fit-tnissil u t-trawwim tagħhom. Hekk fis-seklu erbgħa l-Isqof Ulfilas fassal alfabet ġdid biex jagħti lill-poplu tiegħu l-Bibbja Gotika; il-Qaddisin Metodju u Cirillo għamlu l-istess għall-Isloven li minn dak in-nhar sar ilsien letterarju; u fiż-żminijiet tagħna hekk qegħdin jagħmlu l-Missjunarji fl-Affrika, fl-Asja u fl-Amerka t'Isfel bl-ilsna primitivi ta' ġnus pagani bla ċiviltà u letteratura. U dawk li għandhom ħjiel tal-letteratura Ingliża jafu biżżejjed xi swietilhom it-traduzzjoni tal-Bibbja

---

*Taħdita li nqrat fl-Akkademja Letterarja ta' l-Għaqda li saret fis-17 ta' Diċembru tas-sena 1955, fl-Aula Magna ta' l-Università.

magħrufa bl-isem ta' "Authorised Version". Jiena naħseb li t-traduzzjoni tal-Prof. Saydon jista' jkollha effett kbir u qawwi fuq il-kitba Maltija jekk ma għandux ikun li tkun hi li ssalva l-bixra karatteristika tal-Malti.

Din it-traduzzjoni jista' jkollha żewġ efftti ewlenin: effett filoloġiku fis-sens li ssaħħaħ u tħares il-lewn semi tal-Malti, u effett letterarju fuq l-istil tal-poeżija u tal-proża.

## L-EFFETT FILOLOĠIKU

Il-Malti minn tluq l-Għarab mill-Gżira tagħna mexa fuq triq oħra minn dik ta' l-ilsna semin sħabu; Malta kienet Għarbija meta l-Mediterran kien Għarbi. Bir-rebħa tan-Normanni Malta nqatgħet mil-Lvant u Lsienna sab ruħu taħt il-qawwa ta' l-Ilsna romani u l-kultura ta' l-Ewropa, kultura Nisranija. Intom ilkoll tafu li dan baqa' jiġri sal-lum; anzi nistgħu ngħidu li iktar ma għadda ż-żmien iktar din l-influwenza ssaħħet sakemm inħasset fil-vokabolarju, fil-morfoloġija, fil-bini tas-sentenzi u tassintassi kollha kemm hi. Fi żmienna, l-iktar minn mindu l-Malti sar l-ilsien uffiċjali fl-amministrazzjoni u fil-qrati, it-tnissil u t-tkattir tal-ġurnaliżmu l-indhis tagħna mal-barranin, id-dħul ta' l-invenzjonijiet ġodda tax-xjenza tal-lum il-Malti jinsab għaddej minn tibdila li mhux aħna imma ta' warajna għad iqisuha sewwa.

Mhux il-waqt issa li nqabbel biċċa proża ta' għoxrin sena ilu ma' xi oħra meħuda mill-gazzetti tal-lum biex tħossu l-bidla li qed issir qajla qajla sew fil-vokabularju kemm fil-grammatika tal-Malti. Il-ġrajja mħarbata tal-Malti turina li lsienna għandu saħħa liema bħalha biex jegħleb kull tehdida li tista' toħonqu; iżda wieħed ma jridx jinsa li fl-imgħoddi Malta ma kenitx li hi; dik il-ħabta l-poplu li kien jitkellmu fis-safa tiegħu kien maqtugħ minn kulħadd, tagħlim ma kellux, u l-ħtiġijiet tiegħu kienu ftit, għalhekk il-Malti baqa' jgħix il-ħajja tiegħu u hekk ma kibirx fil-għadd tal-kliem u l-bini tiegħu ma ħass l-ebda tibdila. Dan issa kollu ntemm u qed naraw dħul ta' kliem ġdid bla ħsieb ta' xejn, idjomi ġodda, sintassi ġdida u kif taraw il-Malti semi qed jitlef il-qawwa u s-saħħa tiegħu qajla qajla.

Naħseb li kieku ma kenitx il-ħidma għaqlija u f'waqtha tal-Għaqda tagħna kieku ma nafx x'sar s'issa mill-Malti; ma inhiex profeta, imma fl-istat ta' transizzjoni li għaddejjin minnu jinħtieġ li wieħed iħabrek sabiex ilsienna jimxi fuq it-triq l-iktar li taqbel man-natura tiegħu ta' lsien Semi u Rumanz f'daqqa, in-

kella jista' jiġi żmien meta l-Malti kif nafuh il-lum ma jibqax iktar jiftiehem minn ta' warajna. Hemm bżonn mela li t-toqol Romanz li bħalissa qiegħed jiżdied kull ma jmur ikun imwieżen bis-semi. Dan ma jfissirx li għandna mbarru kull element romanz: dan ikun ġenn u ċaħda tal-jedd li għandu l-Malti bħala ilsien ħaj li jikber u jitbiddel skond iċ-ċirkustanzi ta' l-istorja bħal kull ilsien ieħor tad-dnja; ifisser biss li għandna nqisu li jinżamm il-qies bejn iż-żewġ elementi. Hawn nara l-għajnuna li l-Bibbja tista' ttina.

Intom tafu li l-ilsna tal-Bibbja, il-Lhudi u l-Arami, huma ilsna semin, qraba tal-Malti; jixbhuh fil-vokabularju, fil-morfoloġija, fis-sintassi. Il-Grieg li bih inkitbu l-kotba tat-Testment il-Ġdid u l-aħħar kotba tat-Testment il-Qadim hu mdakkar sewwa mis-sintassi Lhudija ,u iktarx hu Lhudi f'libsa Griega.

Il-Prof. Saydon fit-traduzzjoni tiegħu żamm kemm u sa fejn seta' l-bini sintattiku tat-testi oriġinali; hawn kien megħjun kif għidna min-natura semija tal-Lhudi u mill-ħajja sempliċi li nsibu fil-Kotba Mqaddsa, li ma għandha xejn x'taqsam malħajja tal-lum. Il-qari tal-Bibbja għalhekk ifakkarna f'dawk l-elementi żgħar imma importanti li jagħtu ħajja u qawwa lill-istil Malti: it-tnissil ta' kelma minn oħra fuq il-prinċipju tat-trilitteriżmu tal-kelma semija; is-suffissi pronominali, il-plurali miksura, il-forom ta' l-aġġettivi, l-idjomi Maltin, il-forom tal-verbi, biex insemmu l-ewlenija. Bis-saħħa ta' dawn ikollna stil mirqum, nuqqas ta' kliem żejjed. Hudu f'idejkom silta minn xi gazzetta liema tkun u taraw li jekk nifluha sewwa sentenzi sħaħ u għadd żeejjed ta' kliem jistgħu jitqassru fi ftit kliem. Hawn qiegħda l-ewwel għajnuna li ttina l-Bibbja Maltija: issaħħilna s-sisien ta' lsienna bla ma tħassrilna l-bini li ma' tulek ja żmien il-ġens Malti bena fuqu biex ifisser ħsibijietu u qalbu. Mhux li nwarrbu l-element romanz, ma nkunux id-deffiena ta' lsienna, imma li nsaħħu s-sisien li fuqhom hu mtellgħa.

### IL-BIBBJA U L-ISTIL MALTI

Barra l-effett filoloġiku fuq ilsienna l-Kotba Mqaddsa għandhom ħafna x'jagħtuna dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-istil tal-Kitba Maltija; fihom għajn bla tarf ta' ġmiel, saħħa, qawwa li huma l-ġieh tal-kelma t'Alla. M'iniex ser nitkellem fit-tul fuq is-sengħa letterarja tal-Kittieba Mqaddsa, suġġett li jitlob iż-żmien. Nitkellem biss minn xi elementi li jistgħu jkunulna

ta' għajnuna u mudelli, bla ma ninsew li kull letteratura hi mera tar-ruħ ta' poplu u l-istil tagħha hu mera tal-ħsieb tiegħu.

Fil-Kotba Mqaddsa nsibu proża u poeżija; bejn dawn it-tnejn hemm ir-Rettorika fil-kotba tal-profeti li la hi proża u lanqas poeżija. Sew il-proża kemm il-poeżija Maltija għandhom ħafna x'jirbħu mill-poeżija jew proża Lhudija kif ukoll ir-rettorika.

Nieħdu l-ewwel il-poeżija, l-ewwel li dehret, u minħabba l-ġenju tal-poplu Lhudi lanqas ma nqatgħet mill-proża Lhudija. Barra l-ispirazzjoni tbaqbaq fil-qalb tal-poeta u tixgħel f'moħħu, hemm l-istil ta' l-Ilsien, il-bini tal-vers li jagħti r-ritmu, l-imaġinativa li tagħti kulur u ħajja lill-għanja.

L-istil tal-poeżija Biblika hu marbut mal-bini tal-vers u ma' l-imaġinativa; jekk nifhmu sewwa dawn ikollna l-muftieħ għall-istil tagħna. Sew il-vers kemm l-imaġinativa huma mera tal-ħajja ta' kif kienu jaħsbu u jaslu għall-verità l-Lhud u l-ġnus l-oħra tal-Lvant tal-qedem. Dawn il-ġnus kienu għadhom ma waslux biex jintebħu bir-regoli ta' l-argumentazzjoni mibnija fuq id-definizzjoni u s-sillogiżmu; din kienet rebħa tal-għorrief Griegi. Kienu għalhekk jimxu bl-intuwizzjoni, jaraw ħaġa jew ġrajja u minnha bħalli kieku b'istint kienu jisiltu jew aħjar "iħossu". l-verità: minn hawn inħolqot il-mitoloġija pagana biex turina l-ħolqien tad-dinja u ħwejjeġ oħra li l-lum huma l-oġġett tax-xjenza. Biex il-kittieb iqanqal il-moħħ u l-qalb kellu mela jinqeda bir-ripetizzjoni u bil-ħasda ta' min ikun qed jisma' jew jaqra; kien ifittex mhux biss li jdawwal il-moħħ imma li jqanqal il-qalb b'mod li min jista' jisma' jitqanqal għall-għemil: il-kelma hi qawwa.

Dan hu s-sies tal-paralleliżmu tas-Salmi—u barra s-Salmi l-Lhud ma kellhomx poeżija oħra—il-ħaġa waħdanija li aħna ċerti minnha fil-poeżija biblika. Is-salm huwa magħmul minn għadd ta' versi kull wieħed maqsum f'żewġ bċejjeċ: il-ħsieb tal-waħda hu marbut ma' dak ta' l-oħra: jew jaqblu bejniethom u dan jissejjaħ paralleliżmu sinonimu:

Ħaqruhom l-għedewwa tagħhom
U trażżnu taħt idejhom

jew b'kuntrast, paralleliżmu antitetiku:

Xebba' l-imġewħin bil-ġid
U l-għonja telaqhom fiergħa.

jew sintetiku meta waħda tfisser iktar l-oħra:

Bħalma wiegħed lil missirijietna
għal Abraham u nislu għal dejjem.

Dan ir-ritmu maħluq minn dan il-paralleliżmu, li hu ritmu iktar tal-ħsieb milli ta' għadd ta' sillabi jew aċċenti — li ma kinux fissi fl-għanja Lhudija — jagħżel l-għanja Biblika minn kull poeżija oħra tal-lum; jagħtiha ġmiel u qawwa kollhom kemm huma tagħha. Isimgħu din is-silta mill-Għanja ta' Marija oħt Mosè wara l-qsim tal-Baħar l-Aħmar:

Lemintek, ja Mulej, tirġen il-għadu:
U bil-kotra tal-kobor tiegħek iġġarraf lil min iqum għalik;
Terħi qillietek tiblagħhom hi bħal tibna
U b'nefħet imnifsejk tgħarrmu l-ilmijiet
Qamu bħal gods l-imġar
Għaqdu l-imwieġ f'nofs il-baħar.

Naħseb li jekk il-poeta Malti jgħarbel sewwa din is-sengħa tal-paralleliżmu jkun jista' jagħti xi ħaġa oriġinali lill-Malti. Bla ma mmoru fl-irqaqat kollha nistgħu ngħidu li fi Lsienna għandna l-elementi kollha meħtieġa li hemm fil-Lhudi: il-kelma qasira bl-aċċent fl-aħħar; sempliċità tas-sintassi, u l-bqija. Qabel il-gwerra l-Prof. Aquilina tana xi salmi Maltin maħduma fuq dawk Lhud; qablu kien hemm min ittanta xi ħaġa. Aquilina jidhirli li resaq ħafna lejhom, imma għad fadal x'wieħed jagħmel u nixtieq tassew li jerġa' jaqbad il-pinna u jsaħħaħ it-triq li fetaħ kif juru dawn il-versi.

Oħloq fija qalb oħra Mulej:
Imħassra din qalbi għax fiha għammar id-dnub.
Ara jien tlift is-sewwa tal-Kelma Tiegħek
Imma, Mulej, la ddawwarx wiċċek minni.

*(Jissokta)*

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

...... tfisser il-ħsieb tiegħek b'saħħet il-vuċi, b'nomi u verbi, tkun qisek qed tirriflettti l-opinjoni tal-moħħ f'nixxiegħa ta' ilma li toħroġ mix-xufftejn bħal ġewwa mera.

Platun. *Theaetetus*, 206.

*Jien* — dan il-ħsieb li jissejjaħ *Jien* — huwa l-*forma* li fiha d-dinja tintefa' bħal xema' maħlul.

Emerson, — *Thranscendentalist*, 1842.